

Rikors ippreżentat fit-3 ta' Settembru 2018 – Global Silicones Council and Others vs ECHA**(Kawża T-519/18)**

(2018/C 399/57)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet**

Rikorrenti: Global Silicones Council (Washington, D.C., l-Istati Uniti) u sitta oħra (rappreżentanti: R. Cana, F. Mattioli, G. David, avuati u D. Abrahams, Barrister)

Konvenuta: Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi

Talbiet

Ir-rikorrenti jitlobu li l-Qorti Ġenerali jogħġogħa:

- tiddikjara r-rikors ammissibbli u fondat;
- tannulla d-deċiżjoni kkontestata⁽¹⁾, sa fejn din tinkludi t-tliet sustanzi Octamethylcyclotetrasiloxane ("D4"), Decamethylcyclopentasiloxane ("D5") and Dodecamethylcyclohexasiloxane ("D6") fil-lista ta' kandidati ta' sustanzi ta' tħassib serju ħafna;
- alternattivament, tannulla d-deċiżjoni kkontestata fir-rigwarda ta' waħda jew iktar minn dawn l-inklużjonijiet fil-lista ta' kandidati;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, u
- tadotta miżuri oħra jew addizzjonal skont kif meħtieġ mill-ġustizzja.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-konvenuta wettqet żball manifest fl-evalwazzjoni tagħha tal-proprietajiet Bioakkumulattivi ("B") ta' D4, D5 u D6, u fl-evalwazzjoni tagħha tal-proprietajiet Tossiċi ("T") properties ta' D5 u ta' D6 kif ukoll li marret lill hinn mill-kompetenzi tagħha u kisret l-Artikolu 59 tar-Regolament 1907/2006:

- billi bbażat ruħha fuq l-opinjonijiet tal-Kumitat tal-Istati Membri (KSM) u tal-Kumitat tal-Istima tar-Riskji (KIR) mingħajr ma għamlet l-evalwazzjoni rispettiva tagħha tal-informazzjoni disponibbli u b'hekk importat l-iżbalji li jivvizzjaw l-imsemmija opinjonijiet.;
- billi ddeċidiet li D4, D5 u D6 jissodisfaw il-kriterji ta' persistenza għolja u bijoakkumulazzjoni għolja (vPvB) previsti fl-Anness XIII minkejja li l-persistenza (P) u l-bijoakkumulazzjoni (B) ma kinux stabbiliti għall-istess kompartiment;
- billi ma ġaditx inkunsiderazzjoni n-natura speċifika ta' D4, D5 u D6 (in-natura "ibrida" tagħhom) meta applikat il-kriterji previsti fl-Anness XIII għall-bijoakkumulazzjoni;
- billi siltet konklużjonijiet dwar il-bijoakkumulazzjoni (B/vB) ta' D4 u D5 li ma humiex sostnuti mill-evidenza invokata;
- billi naqset milli tevalwa l-evidenza l-ġdida dwar il-bijoakkumulazzjoni (B/vB) għal D4 u D5 li kienet disponibbli għaliha wara l-opinjonijiet tal-KSM u tal-KIR;
- billi naqset milli tiħu inkunsiderazzjoni l-informazzjoni kollha rilevanti meta ddeċidiet dwar il-bijoakkumulazzjoni (vB) ta' D6;
- billi naqset milli tiħu inkunsiderazzjoni l-informazzjoni dwar it-tossiċità ta' D5 innifisha u minflok identifikat id-D5 bħala bbażata fuq il-PBT minħabba l-preżenza ta' D4 bħala impurità, u billi identifikat id-D5 bħala PBT mingħajr il-limiti speċifiċi fuq il-kontenut ta' D4 maqbara fi ħdan il-KSM;

- billi naqset milli tiħu inkunsiderazzjoni l-informazzjoni dwar it-tossiċità ta' D6 innifisha u minflok identifikat id-D6 bħala bbażata fuq il-PBT minħabba l-preżenza ta' D4 bħala impurità, u billi identifikat id-D6 bħala PBT mingħajr il-limiti speċifiċi fuq il-kontenut ta' D4 maqbula fi ħdan il-KSM.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-allegazzjoni li d-deċiżjoni kkontestata tikser il-prinċipju ta' proporzjonalità, minħabba li l-inklużjoni fil-lista ta' kandidati marret lil hinn minn dak li huwa xieraq u neċċesarju sabiex jintlaħaq l-għan imfitteż u ma-hiġiex l-inqas miżura restrittiva li setgħet tintgħażel mill-konvenuta.

⁽¹⁾ Deċiżjoni ppubblikata fis-27 ta' ġunju 2018 tal-Αġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi “Inklużjoni ta' sustanzi ta' tħassib serju ħafna fil-lista ta' kandidati li eventwalment jistgħu jiġi inklużi fl-Anness XIV”, sa fejn din tħalli tħalli sustanzi Octamethylcyclotetrasiloxane (D4), Decamethylcyclopentasiloxane (“D5”) u Dodecamethylcyclohexasiloxane (“D6”) fil-lista ta' kandidati ta' sustanzi ta' tħassib serju ħafna skont l-Artikolu 59 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1)

Rikors ippreżzentat fid-29 ta' Awwissu 2018 – Billa vs EUIPO – Boardriders IP Holdings (Billa)

(Kawża T-524/18)

(2018/C 399/58)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Billa AG (Wiener Neudorf, l-Awstrija) (rappreżentanti: J. Rether, M. Kinkeldey, J. Rosenhäger, S. Brandstätter, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Boardriders IP Holdings LLC (Huntington Beach, California, l-Istati Uniti)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenju żu: ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali

Trade mark kontenju żu kkonċernata: applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea “Billa” – Applikazzjoni għal-reġistrazzjoni Nru 11 592 623

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-21 ta' ġunju 2018 fil-Każ R 2235/2017-4

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikoli 8(1)(b), 46 u 71 tar-Regolament Nru 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill flimkien mal-Artikoli 2(2)(i) u 27(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni Nru 2017/1430.